A.L. 43 ta' l-1996

ORDINANZA DWAR IL-PULIZIJA TA' MALTA (KAP. 164)

Regolamenti ta' l-1996 dwar Emenda fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, il-Ministru ta' l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 dwar Emenda fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "it-Tieni Skeda". Titolu. Kap. 164.

2. Minflok il-paragrafu 3 fit-Tieni Skeda għandu jidħol dan li ġej:— Emenda tal-paragrafu 3 fit-Tieni Skeda.

"GRUPPI U BORDS TA' FERGĦA

3. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, il-Korp għandu jitqies li huwa magħmul mill-gruppi li ġejjin:

Grupp Nru. 1 — Dipartiment ta' Investigazzjoni Kriminali, *Security Branch*, *Drugs Squad*, *Vice Squad/Fraud Squad*, magħduda l-fergħat tagħhom bl-uniformi

Grupp Nru. 2 — *Special Assignment Group*, magħduda l-*Fire Brigade* u persunal li jkun qed jaqdi dmirijiet fil-Ħabs Ċivili

Grupp Nru. 3 — *Head Quarters*, magħduda d-Dipartiment tat-Traffiku, l-*Administrative Law Enforcement Branch*, il-Fergħa dwar it-Trasport Mekkaniku, u l-Fergħa tal-*Mounted Police*

Grupp Nru. 4 — Distrett Nru. 1

Grupp Nru. 5 — Distrett Nru. 2

Grupp Nru. 6 — Distrett Nru. 3

Grupp Nru. 7 — Distrett Nru. 4

Grupp Nru. 8 — Distrett Nru. 5

Grupp Nru. 9 — Distrett Nru. 6

Grupp Nru. 10 — Distrett Nru. 7

Grupp Nru. 11 — Distrett Nru. 8

Grupp Nru. 12 — Distrett Nru. 9

Grupp Nru. 13 — Distrett Nru. 10.".